Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 240/1997AE

**Angelo Attard u Margerita Attard u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2016 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Graziella Scicluna wara l-mewt tal-attrici**

**Vs**

**Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard**

Il-Gimgha, 8 ta' April, 2016.

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-atturi fejn talbu lil Qorti joghgobha tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira u hamsin centezmu Maltin (Lm262.50), illum ekwivalenti ghal sitt mija u hdax-il Ewro u sitta u erbghin centezmu (€611.46), rapprezentanti dan l-ammont arretrati ta' imghax fuq is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500), li l-attur Angelo Attard kien silef lill-intimat Anthony Attard, u dan a tenur ta' skrittura privata li giet ezebita kontestwalment ma' l-istess avviz;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li:-

*a) In linea preliminari, in-nullita' ta' l-avviz, il-ghaliex ma kienx gie prezentat minn mart l-attur ukoll, u ghax ma gietx citata wkoll bhala l-intimata mart l-intimat Anthony Attard, u dan stante li skond l-Artikolu 1322(2)(3)(f) tal-Kap.16, is-self ta' flus jew it-tehid ta' flus b'self huwa att ta' amministrazzjoni straodrinarja, u dritt li wiehed ifittex jew li jigi mfittex dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja huma vestit fiz-zewg konjugi flimkien;*

*b) Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ewwel eccezzjoni tigi michuda, mart l-eccipjenti ghandha tigi citata fil-kawza. Martu hija Carmela sive Marlene Attard, li toqghod Marton, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucija;*

B'sentenza tas-27 ta' Gunju, 2013 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet il-hames eccezzjoni tal-konvenut fit-tieni nota ta' eccezzjonijiet u cahdet ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u kkundannat lill-konvenuti Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard ihallsu lill-atturi s-somma ta' €611.46, ekwivalenti ghal Lm262.50, bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta' Gunju 1999 sad-data ta' l-effettiv pagamenti;

Mis-sentenza appella l-konvenut Anthony Attard, bl-aggravji:-

Meta kienet l-ewwel Qorti nnifisha li fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghal (i) fotokopja ta' *bank draft* mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c. datata 13 ta' Settembru 1996 ghall-ammont ta' Lm87.50, (ii) ittra datata 15 ta' Settembru 1996 minn liema jirrizulta li dak il-hlas jirraprezenta sehem appellant mill-imghax dovut fuq is-somma ta' Lm3,500 ghas-sena 1996 u sahansitra (iii) ta' *slip* li tikkonferma li fit-18 ta' Settembru 1996 intbaghtet ittra bil-post registrata lil Angelo Attard, ilkoll prezentati mill-appellant sabiex jipprova li hu verament hallas l-interessi li kienu dovuti fuq is-somma ta' Lm3,500 u dan sad-data tal-ahhar pagament effettiv li sehh nhar il-15 ta' Settembru 1996. Illi hija pjuttost inkwetanti meta wiehed jara li l-appellanti kien ipprezenta ben tlett (3) dokumenti differenti sabiex juri li hu b'xi mod hallas l-imghax mitlub mill-appellati, u xorta wahda jinghad li din id-dokumentazzjoni, skond l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma waslitiex ghall-konvinciment morali li tali hlas kien fil-fatt sehh mill-appellant.

Illi l-ewwel Qorti naqset ukoll milli tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-appellati dejjem stqarru illi l-ammont ta' Lm262.50 li hu mitlub minnhom, kien ikopri l-imghax li kien dovut mid-29 ta' Novembru tas-sena 1994 sad-29 ta' Gunju tas-sena 1996 u cioe' skond huma sena u nofs imghax, izda l-appellant dejjem kien itenni illi l-perjodu hawn fuq indikat fil-fatt ikopri sentejn u nofs u dan ghaliex kien huwa stess li ghamel sentejn u nofs ihallas l-imghax lill-appellati;

Dwar l-ittra registrata mibghuta mill-appellant lill-appellati, l-ewwel Onorabbli Qorti ingustament stqarret illi:

*"Il-Konvenut da parte tieghu ma ressaqx prova li sodisfacentement tikkuntrasta dak hekk kategorikament affermat mill-attur. In effetti l-konvenut jibbaza l-argument li dan il-pagament gie effetwat lil u accettat mill-attur fuq il-premessa, fil-fehma tal-Qorti ghal kollox zbaljata, li la darba l-bank draft intbaghat bil-posta registrata dan zgur wasal ghand l-attur u la wasal ghand l-attur dan necessarjament sarrfu";*

L-appellant ippuntwalizza illi *dato ma non concesso* l-imsemmija *bank draft* ghal xi raguni jew ohra qatt ma waslet ghand l-atturi appellati fl-indirizz ta' residenza tal-istess, minhabba li l-istess *bank draft* kienet intbaghtet b'posta registrata, din allura kienet tintbaghat lura ghand l-intimat appellanti. Il-konvenut ressaq prova konkreta li huwa stess kien effettwa l-ahhar pagament ta' imghax. Ghaldaqstant, certament ma kienx necessarju li wiehed jaghti prova ta' kull pagament li kien gie effetwat permezz ta' rcevuta.

Illi l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-fatt elenkat mill- appellant fin-nofs ta' sottomissjonijiet minnu pprezentata nhar it-22 ta' Awwissu tas-sena 2012 fejn gie elenkat illi l-appellati fin-nota taghhom kienu ghamlu referenza ghax-xhieda moghtija mill-istess appellat fejn kien cahad li c-cekk bankarju li kien baghtlu l-appellant kien ircevih u sarrfu; Illi anke fix-xhieda moghtija mill-appellat fis-seduta tal-5 ta' Mejju tas-sena 2011 fejn hu qal illi c-cekk ma kienx sarfu. Dan indika bidla fil-verzjoni tal-appellat ghaliex hu l-ewwel kien cahad li qatt ircieva cekk minghand l-appellant izda fix-xhieda moghtija minnu, huwa qal illi c-cekk ma kienx sarrfu. Din hija inkonsistenza li harget mix-xhieda prodotta mill-appellat u dan ghaliex l-

appellant ingustament gie kkundannat l-imghax li hu kien diga' hallas lill-atturi appellati.

L-appellati wiegbu (24 ta' Lulju 2013):

Illi l-appellant allega li hallas l-imghaxijiet fuq is-somma permezz ta' flus kontanti u permezz ta' cekk, ossia *bank draft*. Filwaqt li ma gab l-ebda prova li hallas bi flus kontanti, in kwantu ma prezenta l-ebda ricevuta ta' hlas, huwa kien ezebixxa kopja tal-*bank draft* imsemmija minnu, u ta' l-ittra li huwa kien allegatament baghat flimkien ma' l-istess *bank draft.* Illi fl-umli fehma tal-appellati, liema fehma kienet kondiviza mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza, il-provi migjuba mill-intimat ma jistghu bl-ebda mod jitqiesu bhala sodisfacenti.

Illi meta l-appellant xehed li huwa kien hallas xi mghaxijiet fi flus kontanti, huwa qal li dan ghamlu l-ewwel darba f'Gunju tas-sena 1994. Din l-allegazzjoni da parti ta' l-intimat madanakollu hija dijametrikament opposta ghal dak miktub fl-iskrittura tad-29 ta' Novembru 1994, fejn kien gie stipulat li l-imghax jibda' jghaddi mid-29 ta' Novembru 1994, u mhux qabel. Illi l-intimat appellant naqas li jressaq rapprezentant tas-socjeta' bankarja li mmettiet l-istess *bank draft* sabiex issir il-prova dwar x'kien l-ezitu tieghu.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

**<u>Kwistjoni</u>**.

Il-kawza titratta talba tal-attur biex jithallas is-somma ta' €611.46 li hu mghax fuq is-somma ta' €8,152.81 (Lm3,500)[1] li l-konvenut issellef minghand l-attur permezz ta' skrittura tad-29 ta' Novembru 1994. Fiha jinghad li fuq l-ammont jiddekkorri imghax ta' 5% b'effett mid-data tal-iskrittura.

Il-konvenut ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel qorti. Fir-rigward tal-konvenuta, is-sentenza tal-ewwel qorti hi gudikat peress li ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

Wara li l-qorti rat l-atti ser tibda biex tezamina l-provi li gab il-konvenut in sostenn tat-tezi li l-ammont pretiz thallas. Provi li jikkonsistu fid-deposizzjoni tal-konvenut u tlett dokumenti.

1. Il-konvenut xehed:

    (a) *"L-ewwel pagament li jien ghaddejt lil hija kien fir-rigward tal-imghax fuq is-somma mislufa, u dan kien f'Gunju tal-1994"*. Pero' l-iskrittura ta' self giet

[1] Risposta guramentat prezentata fis-6 ta' Marzu 2006 (fol. 198), l-attur iddikjara: *"…. l-atturi pprocedew kontra tieghu b'din il-kawza ghall-imghax li kien skada bejn id-29 ta' Novembru 1994 u t-28 ta' Gunju 1996 u cioe' sena u nofs: Lm3,500 x 5% x 1.5 (sena u nofs) = Lm262.50"*.

iffirmata fid-29 ta' Novembru 1994 u fiha jinghad li l-imghax jiddekorri minn dakinhar. Inoltre, jekk f'Gunju 1994 il-konvenut hallas l-imghax ghas-sena 1994, fl-iskrittura ma kienx ser jinghad li l-imghax jiddekorri mid-29 ta' Novembru 1994 izda li l-imghax ta' dik is-sena kien thallas.

(b) *"Fir-rigward ta' imghaxijiet nghid li hallast Lm175 ghal darbtejn, jigifieri fl-1994 u fl-1995"*. Fir-rikors tal-appell qal li dam sentejn u nofs ihallas l-imghax. Pero' dan mhux kredibbli meta tqies li fl-iskrittura li giet iffirmata fid-29 ta' Novembru 1995, iddikjaraw li l-imghax kellu jiddekorri minn dakinhar. Ghalhekk mhux verosimili li ghas-sena 1994 hallas is-somma ta' Lm175.

(c) *"Hija ma kienx harigli rcevuti ghall-hlasijiet li kont ghamiltlu ghaliex billi din kienet kwistjoni bejn zewgt ahwa kollox baqa' minghajr kitba mill-bidu sal-ahhar"*. Jekk kif qal il-konvenut l-affarijiet kienu bejn l-ahwa, x'kien hemm bzonn skrittura bil-miktub u ghalfejn il-konvenut baghat ittra registrata datata 15 ta' Settembru 1996 bil-hlas ta' sehemu mill-imghax ghas-sena 1996? Ghalfejn m'ghamilx bhas-snin ta' qabel, kif irrakkonta, li jmur id-dar tal-attur u jhallsu l-imghax? Domandi li baqghu bla twegiba ghaliex il-konvenut ma spjegax x'wasslu biex jaghmel hekk.

(d) *"Sa fejn naf jien dan ic-cekk issarraf"*. Il-qorti ma tistax tispjega kif il-konvenut ma pprezentax prova dokumentarja li c-cekk issarraf u llimita ruhu ghal dokument li nghata mill-bank meta nhareg il-bank draft. M'hemmx dubju li jekk ic-cekk verament kien issarraf, tali prova kellha tkun tant facli biex il-konvenut jottjeni f'dak iz-zmien. Il-qorti tinnota wkol kif s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza **Angelo Attard et vs Anthony Attard et** (795/01), ikkundannat lill-konvenut jhallsu l-imghax mid-29 ta' Gunju 1996[2]. Prova li tikkontradici l-verzjoni tal-konvenut li ghas-sena 1996 kien hallas sehemu mill-imghax.

(e) *"Meta mbaghad bdiet il-procedura tas-separazzjoni bejni u bejn marti, kellna laqgha bejni u bejn hija ma' Dr Libreri li kien jidher ghalina t-tnejn u kien sar ftehim verbali illi l-hlas lura tas-self kif ukoll il-hlas tal-imghax jinqasam nofs bin-nofs bejni u bejn marti. Dana kien ftehim verbali"*. Il-konvenut ma ressaqx lill-avukat Libreri bhala xhud sabiex jikkorabora din il-verzjoni.

(f) *"… hallast imghax ghal sentejn u nofs. Irrid nghid li dawk is-sitt xhur huwa fil-fatt ghall-ammont ta' Lm78.50 li hallast fit-13 ta' Settembru 1996"*. Dan mhux korrett. Fl-ittra datata 15 ta' Settembru 1996 li l-konvenut qal li baghat lill-huh, jinghad: *"Ghaldaqstant qieghed nibaghatlek cekk ta' Lm87.50 bhala hlas ta' sehemi ghas-sena 1996"*.

2. Il-konvenut jaghmel hafna enfazi fuq 'il fatt li pprezenta kopja:-

[2] Dik il-kawza kienet titratta t-talba tal-atturi sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' Lm3,500 skond l-iskrittura tad-29 ta' Novembru 1994 bl-imghax mid-29 ta' Gunju 1996.

(a) Ta' dokument mahrug mill-Bank of Valletta li hi ricevuta tal-bank draft mahrug mill-Bank of Valletta plc fit-13 ta' Settembru 1996;
(b) Ta' ittra li qal li baghat lill-huh flimkien mal-bank draft, datata 15 ta' Settembru 1996;
(c) L-ircevuta li nghata mill-posta peress li l-ittra kienet registrata.

Fl-appell argumenta:-

*"hija pjuttost inkwetanti meta wiehed jara lil-konvenut appellanti pprezenta ben tlett dokumenti differenti sabiex juri li hu b'xi mod hallas l-imghax mitlub mill-atturi appellati, u xorta wahda jinghad li din id-dokumentazzjoni, skond l-ewwel Onorabbli Qorti ma waslitiex ghall-konvinciment morali li tali hlas kien fil-fatt sehh mill-konvenut appellanti".*

Pero' d-dokumenti m'humiex bizzejjed. Kien biss fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2011, igifieri **erbatax-il sena** wara l-bidu ta' dawn il-proceduri, li ghall-ewwel darba l-konvenut invoka l-hlas. Ladarba hu ghazel din it-tattika, kellu jiehu hsieb li jottjeni u jikkonserva l-prova li l-attur gie notifikat bl-ittra registrata u wkoll li sarraf il-bank draft.

3. Il-konvenut isostni wkoll li l-attur ma kienx kredibbli meta xehed. Mill-atti jirrizulta li l-attur xehed fil-5 ta' Mejju 2011. Ghalkemm l-ewwel qal li flus minghand huh ma kienx ircieva u mbaghad qal: *"It-Lm3,500 minghand hija hadthom"*, jidher pero li l-hlas ircevieh wara li l-konvenut iddepozita l-flus fil-qorti (ara dokument a fol. 140). Xehed ukoll: *"Qed nigi muri d-dokument GV1 li gie ezibit minn hija llum u qed nigi mistoqsi jekk jiena dak l-ammont ircevejtux u c-cekk issarrafx. Nghid li le".* Ghalhekk kuntrararjament ghal dak li jsostni l-konvenut, l-attur qatt ma xehed li kien ircieva l-ittra registrata. L-uniku haga li qal l-attur li jista' jnissel xi dubju kien meta fl-ahhar qal: *"Qed nigi mistoqsi li kien gie hija d-dar u tani xi hlas t'imghaxijiet, nghid li niftakar".* Fil-fehma tal-qorti m'hemmx dettalji bizzejjed biex il-qorti tikkonkludi li hawn ix-xhud kien qieghed jirreferi ghall-imghax mid-29 ta' Novembru 1994 sat-28 ta' Gunju 1996, cjoe' l-perjodu rilevanti ghall-kawza. Dan kien punt li dwaru wiehed seta' jikkonfronta lix-xhud b'dak li kien qal ftit qabel u jitolbu spjegazzjoni dwar x'kienu l-hlasijiet. Pero' dan ma sarx u b'hekk baqa' dubju ghal liema mghax kien qieghed jirreferi x-xhud.

4. L-ewwel darba li l-konvenut allega l-pagament kien meta xehed fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2011. Fl-ewwel nota tal-eccezzjonijiet li pprezenta fil-25 ta' Marzu 1997, ma nvokax l-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-hlas. L-istess fit-tieni eccezzjoni li pprezenta fit-8 ta' Marzu 2002. Ghamlet sew l-ewwel qorti li hadet dan 'il fatt in konsiderazzjoni, meta giet biex tiddeciedi dwar il-

kredibilita' tal-verzjoni li ta l-konvenut. Cirkostanzi li jnisslu dubju qawwi dwar il-genwinita' ta' verzjoni li nghatat l-ewwel darba erbatax-il sena wara li bdiet il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.